Fin-newsletter ta' Ġunju 2010 konna ħejjejna żewġ klassifiki li juru l-aqwa 11-il plejer ta' l-Inter bħala presenze u bħala gowls skurjati. Fil-klassifiki qed nuru wkoll f'liema pożizzjoni jinsab kull plejer meta mqabbel mal-plejers kollha li xi darba lagħbu bil-flokk Nerazzurro. F'din ir-rubrika se naraw kemm gwadanjaw pożizzjonijiet fil-klassifika ġenerali, kif ukoll xi kummenti qosra. Din l-istatistika hi aġġornata sal-logħba tal-Final tal-Mondiale per Club (18/12/2010).

## Klassifika Totale Presenze (TOP 11)

| Posizione | Posizione generale | Nome | Totale presenze |
|---|---|---|---|
| 1 | 2 | Zanetti Javier Adelmar | **721** |
| 2 | 10 | Cordoba Ivan Ramiro | **437** |
| 3 (+2) | 26 (+6) | Cambiasso Esteban | **277** |
| 4 | 27 (+5) | Stankovic Dejan | **275** |
| 5 (- 2) | 30 (-2) | Materazzi Marco | **269** |
| 6 (+1) | 37 (+5) | Julio Cesar | **237** |
| 7 (+1) | 57 (+10) | Maicon Douglas Sisenando | **190** |
| 8 (+1) | 78 (+7) | Samuel Walter Adrian | **162** |
| 9 (+1) | 85 (+35) | Chivu Christian Eugene | **113** |
| 10 (NE) | 146 | Muntari Sulley | **91** |
| 11 (NE) | 180 | Eto'o Samuel u Lucio | **71** |

F'din il-klassifika kellna xi tibdiliet wara li Toldo l(li kien jokkupa is-6 post) u Balotelli (l-10 post) ma baqgħux plejers tal-Inter.

Il-Capitano **Zanetti** kompla naqqas id-distakk għal 37 presenze biss inqas minn Beppe Bergomi. **Cordoba** żamm l-10 post fil-klassifika ġenerali. **Cambiasso** jaqbeż lil **Stankovic** u lil **Materazzi** biex tela' waħdu fit-3 post. Fil-klassifika ġenerali avvanza wkoll 6 postijiet—superati Recoba u Mandorlini.

**Julio Cesar, Maicon, Samuel u Chivu** javvanzaw post fil-klassifika TOP 11 presenze wara li Francesco Toldo temm il-karriera. Chivu jagħmel l-akbar avvanz fil-klassfika ġenerali meta javvanza 35 post u qabeż lil ex-interisti Maxwell u Sosa.

Fl-10 post jiddebutta **Muntari**, b'91 presenza, li qabeż il-presenze ta' Vieira u Galante. Fil-11 il-post insibu żewġ new entries li qed jieħdu l-post ta' Balotelli. Dawn huma **Samuel Eto'o** u **Lucio** b'71 presenza bil-maglia nerazzurra.







## IN-'NEW ENTRIES'

## MUNTARI, ETO'O U LUCIO

Bħalma għamilna fl-edizzjonijiet l-oħra, f'din il-klassifika qed nuru in-numru ta' gowls skurjati mill-plejers preżenti ta' l-Inter. Fit-tieni kolonna hemm indikat f'liema pożizzjoni jinsab kull plejer meta mqabbel mal-plejers kollha li xi darba lagħbu bil-flokk Nerazzurro, kif ukoll in-numru ta' pożizzjonijiet gwadanjati jew mitlufa. Din l-istatistika hi aġġornata sal-logħba tal-Final tal-Mondiale per Club (18/12/2010).

## Klassifika Totale Reti (TOP 11)

| Posizione | Posizione generale | Nome | Totale reti |
|---|---|---|---|
| 1 | 50 (+3) | Stankovic Dejan | **38** |
| 2 (+6) | 53 (+37) | Eto'o Samuel | **35** |
| 3 (-1) | 55 | Milito Diego Alberto | **34** |
| 4 (-2) | 57 (-2) | Cambiasso Esteban | **32** |
| 5 (+1) | 73 (+6) | Zanetti Javier Adelmar | **21** |
| 6 (-1) | 77 (-2) | Materazzi Marco | **20** |
| 7 | 83 (-1) | Cordoba Ivan Ramiro | **18** |
| 8 | 91 (-1) | Maicon Douglas Sisenando | **16** |
| 9 (+1) | 132 | Samuel Walter Adrian | **11** |
| 10(+1) | 138 (+17) | Sneijder Wesley | **10** |
| 11(NE) | 167 | Muntari Sulley | **7** |

Minn Ġunju 'l hawn kellna diversi ċaqlieq fil-klassifika reti wara t-tluq ta' Balotelli li kien qed jokkupa r-raba' post. **Stankovic** żamm l-ewwel post u avvanza 3 postijiet fil-klassifika ġenerali. Issa jinsab gowl biss 'l bogħod minn Youri Djorkaeff.



**Samuel Eto'o** jagħmel pass kbir 'l quddiem hekk kif qabeż sitt interisti oħra, fosthom anki lil **Milito**. Fil-klassifika ġenerali addirittura jitla' 37 post ! Milito jżomm postu mal-aqwa 55 goleador tal-Inter u qabeż lil **Cambiasso**. **Zanetti** jissupera lil **Materazzi** u jilħaq il-kwota ta' 21 gowl — l-istess daqs l-attakkant Ventola. **Cordoba** u **Maicon** ma jiskurjaw l-ebda gowl f'dawn l-ahhar 6 xhur u jibqgħu fis-7 u fit-8 post rispettivament.



**Walter Samuel** u **Sneijder** jiggwadanjaw post fil-klassifika Top 11 Reti grazzi għat-tluq ta' SuperMario, pero' l-Olandiż jitla' 17-il post fil-klassifika ġenerali u b'hekk qabeż lil Vieira u leħaq lil Moriero. In-'new entry' jkun **Sulley Muntari**. Il-plejer tal-Ghana pero' kien diġa' deher f'din il-klassifika fi Frar 2010. Minn dakinhar avvanza 13-il post u leħaq lil Roberto Carlos u lil Mihajlovic.



**Samuel Eto'o b' 35 gowl bil-flokk nerazzurro (jiggwadanja 6 postijiet fil-klassifika TOP 11)**

**Oliver, grazzi talli aċċettajt li nintervistawk fil-ħarġa li jmiss tan-Neroazzurro Newsletter. L-ewwelnett xtaqnik tgħidilna xi ħaġa dwarek.**

Għandi 57 sena u miżżewweġ lil Margaret nee' Grech. Għandna tlett ibniet Ira, Lisa u Jacqueline. Illum il-ġurnata naħdem ma' O. F. Gollcher & Sons Ltd. bħala manager fid-Dipartiment tal-Claims. Minbarra l-futbol inħobb naqra ktieb tajjeb kif ukoll jogħġbuni l-films.

**X' tiftakar miż-żmien meta inti kont tilgħab fl-ogħla livelli lokali lura għas-Snin Sebgħin u Tmenin?**

L-ewwel ħaġa li tiġini f' rasi hija l-iStadium tal-Gżira u l-art iebsa li konna nilgħabu fiha. Biss minkejja l-limitazzjonijiet li kellna fuq il-kundizzjoni tat-taħriġ u l-logħob, (fl-ewwel tmien snin kont nagħmel dan fuq l-art iebsa), xorta konna nieħdu pjaċir nilgħabu l-futbol. Dak iz-zmien kien hemm xi plejers li kienu tajbin ħafna, speċjalment b' mod tekniku. Konna nibdew l-istaġun bil-logħob tal-Preliminari tal-UEFA, xi ħaġa li konna nistennew b' ħerqa minħabba li konna nilgħabu kontra timijiet barranin u nsiefru biex nilgħabu il-logħob barra minn darna. Fl-1974 kont ġejt magħżul biex nilgħab mat-Tim Nazzjonali Malti. Dak iż-żmien konna nsiefru bejn erba' u ħames darbiet fis-sena. Dak, minbarra il-gost tal-logħba u l-fama limitata, kien il-premju li konna nieħdu talli konna qed nilgħabu l-futbol hawn Malta. Fis-snin sebgħin il-paga li konna nieħdu kienet tkun biss dik ta' €100.00 fix-xahar.

**Int lgħabt ħafna logħbiet kemm mas-Sliema Wanderers u kemm mat-tim nazzjonali Malti. Liema kienu l-iktar logħbiet li tibqa' tiftakar mas-Sliema u ma' Malta?**

Jien lgħabt ħafna logħob mas-Sliema Wanderers minħabba li kont nilgħab bejn l-1973 u l-1991. Fl-aħħar tlett snin tal-karriera tiegħi kont lgħabt mal-Luxol St. Andrews. Wieħed mill-isbaħ mumenti fil-karriera tiegħi mat-tim Nazzjonali kien meta fl-1974 lgħabna kontra l-Libja. Dakinhar kont fuq il-bank tas-sostituti u fil-ħin tal-mistrieħ konna qed nitilfu 0-1.



Il-kowċ ta' dak iż-żmien, Terenzio Polverini kien iddeċieda li jagħmel erba' bidliet fejn fosthom kien daħħal lili biex nilgħab bħala difensur lemini. Hekk kif bdiet il-logħba, il-Libjani reġgħu skurjaw biss wara ftit qbadna r-ritmu. Fl-aħħar nofs siegħa skurjajt darbtejn u rnexxielna nġibu dro' ta' 2-2. Logħba li ma ninsa qatt miż-żmien li għamilt nilgħab mas-Sliema kienet dik li lgħabna ġon-Nou Camp kontra l-Barcellona fejn konna tlifna grazzi għal penalty dubjuż skurjat mill-captain ta' dak iż-żmien Rexach. Dik il-logħba kienet waħda mill-aħjar logħob li lgħabna barra minn xtutna.

**Dejjem fid-difiża lgħabt? Dan għall-fatt għax kont ukoll tiskurja ħafna gowls.**

Għalkemm ma nafx kemm -il gowl skurjajt mas-Sliema, nista' ngħid li irnexxieli niskurja ħafna gowls magħhom, speċjalment bir-ras. Jien dejjem fid-difiża kont nilgħab imma kont nitla' spiss ngħin fl-azzjonijiet offensivi u kont inkun lest nikkonkludi xi kross jew xi passaġġ. Barra minn hekk kont dejjem nitla' għal xi korner jew free kick.

**Taħseb li l-livell tal-futbol malti ta' llum mar lura komparat ma' dak ta' zmienek?**

Ma nistax niġġudika l-istandard tal-futbol Malti illum minħabba li ili snin ma nitla' nara logħba sħiħa hawn Malta. Jien insegwi ix-xena tal-futbol lokali biss permezz tal-programmi sportivi lokali jew tal-gazzetti.

**Hemm xi plejer tal-Inter attwali jew tal-passat li għandu il-karatteristiċi li kellek int meta kont tilgħab fi żmienek?**

Ma nixtieqx nazzarda u nipparaguna l-istil ta' logħob tiegħi ma' dak ta' xi plejer tal-Inter sew tal-passat kif ukoll tal-preżent iżda meta kont iżgħar dejjem kont nispira ruħi mid-difiża tal-Grande Inter li kienet magħmula minn Burgnich, Facchetti, Guarneri u Picchi. Żewġ difensuri li kont ukoll nammira kienu Bergomi u Ferri.

**Aħna nafu ukoll li int missier il-kantanta popolari Ira Losco. Kif tħossok bħala missier ta' persunaġġ hekk popolari fix-xena mużikali lokali?**

Sew jien u sew il-mara kburin b' Ira iżda ukoll kburin b' Lisa u Jacqueline. Ira hija tifla brava u għalkemm hija persuna popolari ħafna fix-xena mużikali Maltija, hi rnexxielha żżomm saqajha mal-art u taħdem ħafna biex tkompli tkun aħjar milli hi fil-karriera tagħha.

**Ira tħobbu l-futbol? Għandha xi tim favorit tagħha?**

Għalkemm il-mara u t-tfal ma jsegwux il-futbol, nirringrazzja 'l Alla li huma kollha Interisti.... Min jaf għalfejn???




**Liema kienet l-isbaħ memorja Interista li qatt kellek?**

Meta rbaħna iċ-*Champions League* f’ Mejju li għadda wara li konna rbaħna l-i*Scudetto* u l-Coppa Italia u għalaqna sena memorabbli. Għandi ukoll memorja vaga tad-darbtejn l-oħra li konna rbaħna it-Tazza taċ-*Champions* kontra r-Real Madrid u l-Benfica, (kien għad kelli biss tnax -il sena), iżda meta tqis li s-suċċess ta’ Mejju li għadda ġie wara ħafna żmien u kien parti minn Tripletta storika, nista’ ngħid li rajna suċċess fantastiku u inkredibbli. Naħseb li kull partitarju Interista jaqbel miegħi li l-istat ewforiku li poġġewna fihom das-suċċessi ma jistgħux jiġu deskritti.

**Liema huwa l-iktar plejer favorit tiegħek mill-Inter ta’ kull żmien?**

Jien kont bdejt inzomm mal-Inter minħabba Mazzola għalhekk nista’ nqisu bħala wieħed mill-aktar plejers favoriti tiegħi. Plejer ieħor huwa *Capitan* Zanetti, jew kif inħobb insejjaħlu jien “Mr. Fantastic”. Għadni ma nistax nifhem kif Maradona ħallih barra mit-23 tal-Argentina għall-aħħar Tazza tad-Dinja biss Maradona ħallas ta’ din id-deċiżjoni, (u talli ħalla barra ukoll lil Cambiasso), bl-eliminazzjoni bikrija mill-kompetizzjoni.

**Kif tiġġudika il-bidu ta’ staġun deludenti li l-Inter kellhom din id-darba?**

Jiena naħseb li Moratti u d-diriġenti ma xtraw ebda plejer biex jaraw kif il-kampjonat kien ser jiżvolġi sa Jannar u mbagħad jaraw kif wieħed għandu jimxu fis-suq tat-trasferimenti tas-sena l-ġdida. Ħadd ma kien ser jimmaġina li it-tim kien ser ikollu dal-problemi kollha ta’ *injuries*. Wieħed issa jittama li bl-irkuprar ta’ diversi plejers importanti kif ukoll tar-rebħ tat-Tazza tad-Dinja tal-Klabbs, l-Inter nirkupraw ftit fil-Kampjonat.

**Waħda mill-kwistjonijiet li jidher li qed taffettwa l-ambjent Interista tirrigwarda l-kowċ attwali Rafa Benitez. Taħseb li dan il-kowċ jista’ jwassal l-Inter għas-suċċessi u jekk le min taħseb li jista’ jkun il-kowċ li jista’ jagħmel dan?**

Jien naħseb li Rafa Benitez kien ftit żvinturat bl-*injuries* li kien hemm għall-iktar plejers importanti fil-bidu tal-istaġun. Ma nafx jekk ikkontribwiex għal dan b’ xi sessjonijiet ta’ taħriġ iebsa li kkawżaw dawn l-*injuries* kollha. Jiena xorta waħda nemmen li Benitez huwa kowċ kapaċi u li l-iskwadra hija b’ saħħitha biżżejjed biex tirbaħ xi unur ieħor f’ dan l-istaġun. Jekk l-affarijiet jibqgħu sejrin għall-agħar, jien nipprova nġib lil Fabio Capello.



So leicht wird's nicht wieder . . .

Das 8:0 gegen Malta bildete den glanzvollen Schlußpunkt der Gruppenspiele um die Europameisterschaft für unser Nationalteam. Daraus diese effektvolle Szene mit Cullmann, Heynckes und Vogts — dazwischen Losco (Malta). So leicht wird es für die deutsche Elf nun nicht mehr werden, wenn es am Samstag in Madrid gegen die spielstarken Spanier geht.

Farbfoto: Horst Eßner

Naħseb li għandu kariżma u karattru biżżejjed biex jimmotiva lill-plejers għal aktar suċċessi.

**Fejn taħseb li l-Inter tista’ tiċċaqlaq fis-suq tat-Trasferimenti ta’ Jannar?**

Jiena naħseb li l-iskwadra hija ġa kompetittiva biżżejjed biss bl-*injury* ta’ Samuel naħseb li għandna bżonn difensur ċentrali tajjeb biex ikun jista’ jilgħab ma’ Lucio. *Midfielder* b’ saħħtu bħal Inler u difensur li jattakka fuq ix-xellug bħal Michel Bastos għandhom jgħinu biex inkunu nistgħu nikkompetu sew għar-rebħ tal-Kampjonat.

**Fl-aħħarnett xtaqnik tgħaddi messaġġ lill-membri tagħna fi tmiem sena li għalina l-Interisti kienet mill-aktar pożittiva.**

L-ewwelnett nixtieq ngħid lill-membri tagħna biex jiġri x’ jiħri ikomplu jħaddnu l-kuluri *Neroazzurri* speċjalment issa li rbaħna t-Tazza tad-Dinja tal-Klabbs. Fl-aħħarnett nittama li Massimo Moratti u Marco Branca ikomplu jagħmlu xogħolhom ħalli is-suċċessi li bdew jiġu ħames snin ilu jkomplu jiġu.




VIVA L‘INTER

INTERISTA SI NASCE

## ... L-ESPERJENZA LI WAQFET ĦESREM





Rafa Benitez; l-esperjenza twaqqfet ħesrem, iżda l-ispekulazzjonijiet li kien se jiġri hekk, żgur li ma kinux bħall-avventura innifisha, cioe, qosra.

Dawn kienu ilhom sejrin minn wara d-*draws* kontra Brescia u Lecce, u komplew mat-telfiet kontra Chievo u r-rivali Milan.

Ta' wieħed li qatt m'esprimejt ideat favur Benitez mhux qed nikteb dan l-artiklu biex niġġudika jekk l-għażla ta' Moratti (jew tal-players li ma rieduhx, minjaf??) kinitx waħda tajba jew le, iżda se nagħti ħarsa lejn ħaġa li kultant jaf tirrifletti l-verita` u kultant le.

Qed nirreferi għall-istastistiċi li kiseb il-kowċ Spanjol f'din l-avventura, jew aħjar avventura sfortunata tal-kowċ Champion tad-Dinja.

L-Ewropa, il-post fejn ħafna qalu li jekk Rafa m'huwiex kapaċi jirbaħ lig domestiku fejn trid tkun konsistenti, huwa żgur kapaci jwassal lit-team 'il bogħod meta tidħol il-logħba Ewropeja.

Dwar dan pero` ma tantx nistgħu nitkellmu ħafna, għas-sempliċi fatt li Benitez, mhux se jkollu l-opportunita` jaffaċja il-finalisti li għelibna f'Mejju li għadda biex għaqqadna t-tripletta. Il-ġganti Germaniżi Bayern Munich.

F'sitt logħbiet ta' grupp li fih Inter spiċċaw it-tieni wara Tottenham, huma skurjaw 12-il gowl u qalgħu 11. Nistgħu ngħidu li matul dawn is-sitt logħbiet ma rajniex logħob spettakolari ħlief l-ewwel taqsima kontra Werder Bremen u Tottenham.

Ta' min jinnota, iżda, li Werder kellhom id-difiża litteralment imkissra fl-ewwel konfront kontrina filwaqt li Tottenham kellhom lill-goalkeeper imkeċċi kmieni.

Kulħadd jaf x'ġara fl-aħħar ħames minuti meta Bale fettillu jibda juri x'jaf...

Sena ilu l-bilanċ kien eżattament l-istess fejn spiċċajna fit-tieni post b'gowl aktar milli qlajna (skurjajna 7, qlajna 6).

Induru fuq l-aktar punt interrogattiv, l-aktar li kellu impatt fuq it-tkeċċija ta' Benitez ta' ftit jiem ilu.

Il-kampjonat. Il-kampjonat, li fit-8 ta' Ġunju, waqt il-preżentazzjoni ta' Benitez f'Appiano, deher li se jkun is-sitt wieħed għall-Inter, sakemm ma bdew ġejjin l-imberkin injuries. F'ħmistax il-logħba li lagħbu Inter skurjaw 20 filwaqt li qalgħu 14. Wara l -istess ammont ta' partiti sena ilu, kienu skurjaw 35 filwaqt li qalgħu 13.

Sakemm kien għad-dispozizzjoni ta' Benitez Walter Samuel, Inter, fil-kampjonat, kienu qalgħu 5 gowls, filwaqt li n-nuqqas ta' Samuel inħasset ħafna u fil-ħames logħbiet ta' wara qalgħu total ta' 9 gowls.

Filwaqt li fic-Champions League, Inter qalgħu 4 gowls f'żewġ logħbiet mingħajr Samuel u meta kien preżenti ma' Lucio, Inter kienu sofrew 8 gowls f'erba logħbiet.

Dan ifisser li fl-Ewropa, in-nuqqas ta' Samuel ma' affetwax għax Inter baqgħu jaqalgħu l-istess rata ta' gowls (2 gowls kull logħba). Li tabilħaqq, hi rata għolja ħafna jekk wieħed jaspira li jaffronta l-fażi tan-knockout, fejn l-aktar ħaġa kruċjali hi li tiddefendi l-gowl, speċjalment f'darek.

Biex inkun inkludejt kull logħba ta' Rafa ma' Inter ma nistax ma nsemmix il-konfronti kontra Roma fis-Supercoppa Taljana, kontra Atletico Madrid fis-Supercoppa Ewropeja u kontra Seongnam u Mazembe fil-FIFA Club World Cup.

F'dawn l-erba' konfronti, Inter skurjaw 9 gowls filwaqt li qalgħu 3. Jiġifieri, b'kull rispett, il-fatt li ħriġna b'distakk ta' 6 gowls favur juri li eventwalment it-tournament f'Abu Dhabi kien wieħed li KELLU jintrebaħ speċjalment jekk tħares lejn il-livell ta' timijiet li affrontajna.

Tant kemm hu hekk, li fl-ebda kompetizzjoni oħra, kull meta rbaħna, ma rnexxielniex nżommu clean sheet għal żewġ logħbiet konsekuttivi.

Fil-kampjonat, l-unika clean sheets konsekuttivi kienu kontra Juventus u Cagliari iżda ma rbaħniex mal-Bianconeri. Fl-Ewropa qatt ma żammejna żewġ clean sheets fuq xulxin. Filwaqt li f'Abu Dhabi, skurjana 6 u ma qlajna xejn.

Mela, biex niġbru kollox fl-ordni, Benitez poġġa 25 darba fuq il-bankina ta' Inter u ra lit-team tiegħu jiskorja total ta' 41 gowl u jaqla` 28.

Il-kummenti u l-ħsibijiet inħallihom f'idejkom.

Li hu ċert hu, li nisperaw li dawn in-numri jitjiebu biex b'hekk jerġa jkollna sena glorjuża!

## INTER CLUB MALTA

*Bord Editorjali: Stefan Alessandro*
*Antonello Abela*
*Alex Attard*
*Claudine Muscat*
*Marylise Muscat*

*Maħruġ mill-Inter Club Malta,*
*Santa Venera*
*Tel: 2124 8728 / 2124 8744*
*Fax: 2124 8728*

*Kull korrispondenza għandha tintbagħat hekk:*
*Newsletter*
*INTER CLUB MALTA*
*Triq Salvinu Spiteri*
*Santa Venera SVR 1110*

## INTER SHOP

**Dawn huma uħud mill-flokkijiet oriġinali NIKE li jinsabu għall-bejgħ mill-Inter Club Malta.**

**Il-materjal tas-sena l-oħra jinsab għall-bejgħ bi prezzijiet speċjali.**

**Tistgħu taraw il-materjal fuq il-website tal-klabb fis-sezzjoni Inter Shop.**

**L-istokk hu limitat.**













## WASAL IL — MATERJAL

**Il-materjal għall-istaġun 2010-11 wasal u se jkun jikkonsisti f'dawn l-affarijiet:**

**TESSERA, SPORTS BAG, SKUFJA TAS-SUF, BADGE TAL-GLEKK, POSTER U KALDENDARJU TAL-PARTITI**

**Bħal fis-snin l-imgħoddija, mat-tqassim tal-materjal hemm marbuta donazzjoni VOLONTARJA li wieħed jekk irid jagħti sabiex jittaffew l-ispejjeż tal-klabb tagħna.**

**Marbuta ma din id-donazzjoni hemm bosta affarijiet fosthom Banners, Keychains, Brieret, Set Badges, Xallel, Kotba, CDs, Gagliardetti u bosta flokkijiet tan-Nike. Barra minn hekk, min jagħti donazzjoni jipparteċipa fil-Lotterija ta' Vjaġġ għal Milano bil-biljett tal-logħba tal-Inter li jagħżel ir-rebbieħ, kollox imħallas. Din il-Lotterija titla fil-Laqgħa Ġenerali. Skond id-donazzjoni mogħtija jingħataw biljetti u materjal ieħor fuq 'first-come first-served basis'.**

**Il-Materjal jitqassam kull nhar ta' TLIETA, l-ERBGĦA u l-ĠIMGĦA bejn is-6.30p.m. u 8.30p.m. u kull nhar ta' ĦADD bejn id-9.30a.m. u 11.30a.m. Il-Materjal jitqassam ukoll waqt il-logħbiet ta' l-Inter.**

**INFAKKRU LI L-MATERJAL MA JINTBAGĦATX BIL-POSTA.**